MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2306/2004

**Winston Fenech**

**Vs**

**Louis Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm150.43c) rapprezentanti prezz ta’ materjal u xoghol li sar mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi s-somma mitluba mill-attur m’hijiex dovuta stante li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u bhala rizultat il-konvenut sofra danni li jmorru ferm oltre dak mitlub mill-attur. Illi rikjest sabiex jiddiskuti l-kwistjoni bil-ghan illi tinstab

soluzzjoni, l-attur injora tali rikjesta u, minflok, intavola tali azzjoni intempestivament.  Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni kontra tieghu.

Illi kontestwalment il-konvenut intavola Kontro-Talba inizjalment ghas-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm206.96c) izda wara d-digriet tal-24 ta' Mejju, 2005 awmenta l-Kontro-Talba tieghu ghas-somma ta' erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm442.82c) billi allega illi b'rizultat tax-xoghol li sar mill-attur mhux skond is-sengha u l-arti, l-konvenut sofra danni konsiderevoli fid-dar tieghu kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-attur ikkontesta l-Kontro-Talba bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu dak li gie allegat li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u li minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, irid jigi ppruvat illi kwalunkwe danni allegatament soferti u mitluba fil-Kontro-Talba gew fil-fatt ikkawzati mix-xoghol esegwit minn Winston Fenech.

Sema' x-xhieda ta' Winston Fenech, Louis Camilleri, Stefan Riolo u ta' Carmelo Bugeja.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Joseph Zammit ghall-attur u ta' Dr Francesco Depasquale ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut inkariga lill-attur sabiex jaghmel xoghol ta' *plumbing* fid-dar tieghu billi ma kellux pressa bizzejjed.

L-attur mar fid-dar tal-konvenut u nduna illi fil-fatt ma kienx qed jinzel ilma u ghalhekk l-attur issuggerixxa illi jinbidel il-*water heater* u li ssir pompa.  Kellhom isiru xi xoghlijiet ohrajn ukoll.

Fil-fatt l-attur ghamel ix-xoghol li deherlu li ghandu jaghmel izda mill-ewwel kien hemm problema fil-*water heater* li beda jqattar. Il-*water heater* inqala' u qieghed iehor u l-ghada dan it-tieni *water heater* ukoll beda jqattar u l-istess haga grat mat-tielet *water heater*. Apparti dan anki nfaqghu xi pipes u kien hemm xi problemi ohrajn relatati ma' l-ilma.

Illi eventwalment il-konvenut ottjena l-opinjoni ta' Stefan Riolo tal-Water Services Corporation u dan mill-ewwel infurmah li l-pompa li giet installata ma kienetx idonea u fil-fatt giet sostitwita b'pompa ta' forza anqas u apparti dan, inbidlet ukoll is-sistema u saru xi xoghlijiet ohrajn.

L-attur jghid illi tas-servizzi tieghu huwa ntitolat ghal dak mitlub fil-kawza. Il-konvenut jghid illi minhabba x-xoghol hazin, cjoe' xoghol mhux skond l-arti u s-sengha da parti ta' l-attur, huwa nkorra l-ispiza minnu mitluba fil-Kontro-Talba w apparti dan, hemm kont iehor tal-Water Services Corporation ammontanti ghal erba' mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm424.80c) li huwa ma hallasx u qed jirriserva d-dritt illi jekk huwa jintalab biex ihallas dan l-ammont, jesigi l-istess hlas minghand l-attur.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-sistema ta' l-ilma fid-dar tal-konvenut ma kienetx tajba u fil-fatt kien hemm bzonn li jsiru hafna xoghlijiet sabiex is-sistema tiffunzjona b'mod xieraq. Huwa wkoll evidenti illi x-xoghlijiet li ghamel l-attur, ghalkemm necessarji, ma servewx biex solvew il-problema u kien biss wara l-intervent ta' l-espert Stefan Riolo li l-problema ta' l-ilma tal-konvenut giet solvuta. Jekk wiehed jara l-ispejjez inkorsi mill-konvenut jinduna illi fil-fatt l-entita' tax-xoghlijiet li kien hemm bzonn isiru kienu ta' entita' ferm aktar minn dak li ghamel l-attur ghalkemm certament, parti mix-xoghol li ghamel l-attur serva in parte.

It-Tribunal huwa tal-fehma li parti mit-talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha izda jidher ukoll illi parti mill-Kontro-Talba tal-konvenut ghandha tigi milqugha wkoll.

L-ewwelnett it-Tribunal jibda biex jghid illi l-ammont ta' aktar minn erba' mitt lira Maltin (Lm400) tal-Water Services Corporation huwa esagerat. Stefan Riolo li mar fil-fond tal-konvenut induna mill-ewwel x'kienet il-problema billi kien familjari biha ghax kellu problema simili band' ohra. Biex bniedem tas-sengha jispezzjona post u mill-ewwel jidentifika x'kienet il-problema u jaghti struzzjonijiet x'ghandu jsir m'ghandux jittella' kont ta' dak it-tip. Jista' jkun ukoll illi l-konvenut isserva b'din il-persuna ghal xoghlijiet ohrajn li huma oltre dak li huwa mertu ta' din il-kawza.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi sabiex il-konvenut jinghata parir dwar kif ghandha tigi rizolta l-problema li kellu b'rizultat tax-xoghol li ghamel l-attur, ammont ta' sebgha w erbghin lira Maltin (Lm47) ghandu jkun sufficjenti kif del resto jidher li kien l-ammont pretiz mill-konvenut fid-dokument a fol 23 tal-process ("for labour to correct the system according to Water Services professional advice - Lm47").

Illi inoltre, x-xoghlijiet li ghamel l-attur sabiex jirranga l-problema mhux kollha kienu duplikati u huwa difficli hafna ghal dan it-Tribunal biex jiddetermina x'kienu dawk ix-xoghlijiet li saru mill-attur illi gew utilizzati u x'kienu dawk ix-xoghlijiet li saru ghalxejn u f'dan ir-rigward it-Tribunal ikollu juza l-gudizzju tieghu izda b'danakollu, l-attur xorta kien ser ikollu jixtri pompa u xorta kien ser ikollu jixtri *water heater*. Gara li fil-fatt il-konvenut hallas ta' zewg *water heaters* u ghalhekk l-attur ghandu jirrifondih ta' wiehed billi kieku nstalla s-sistema kif suppost il-*water heaters* il-godda ma kienux imorru.

Ghar-rigward ta' pompi, huwa hallas ta' tnejn izda wahda ghadha ghandu u ghalhekk m'hemmx lok ta' rifuzjoni ghax altrimenti jkun hemm arrikkiment indebitu.

Hafna mill-problemi li kellu l-konvenut minhabba f'*leaking flushings* u *bursting pipes* jista' jkun li kienu b'rizultat tal-fatt illi l-*plumbing system* tad-dar tieghu ma kienetx tajba u huwa probabbli li kien ikollu l-istess problema anki kieku

kienu ntuza *a 2 bar pump* flok *3.7 bar pump* li giet installata mill-attur.

Inoltre, minhabba l-problema ta' pressa zejda minhabba l-pompa nstallata mill-attur tenut kont ukoll illi mill-mod kif installa l-pompa u l-*pressure switch* huwa holoq dak li gie deskritt bhala *a time bomb* billi ma kienx hemm sfog fejn setghet tohrog il-pressa zejda tal-*water heater*, it-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-*items* kollha ndikati fil-Kontro-Talba, kemm dawk indikati a fol 23 tal-process kif ukoll dak li jirrigwarda l-kont ta' l-espert Riolo, l-valur xieraq u opportun tad-danni subiti mill-konvenut huwa ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm121) liema somma tikkomprendi fiha spiza ta' *water heater*, spejjez ta' espert u *cleaning expenses*.

Ghar-rigward tat-talba ta' l-attur, skond l-*itemised bill* a fol 20 u 21 tal-process dan jammonta ghal mija u hamsin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm150.43c) li minnhom hemm sebghin lira Maltin (Lm70) *labour*.

Ghar-rigward ta' l-oggetti suppliti, zgur hemm parti minnhom li saru ghalxejn u ghalhekk mill-ammont ta' tmenin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm80.43c) tas-*supplies*, it-Tribunal fid-diskrezzjoni tieghu jidhirlu illi l-attur ghandu jiehu rimbors ta' sittin lira Maltin (Lm60).

Ghar-rigward tal-*labour*, it-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-kont ta' sebghin lira Maltin (Lm70) ghandu jkun hemm riduzzjoni ta' nofs, jigifieri ta' hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) u ghalhekk l-ammont totali li ghandu jiehu l-attur huwa ta' hamsa u disghin lira Maltin (Lm95).

Stante li l-ammont likwidat favur l-attur huwa anqas mill-ammont li huwa likwidat favur il-konvenut, tenut kont it-Talba u l-Kontro-Talba, r-rizultat huwa illi l-attur ghandu jhallas lill-konvenut is-somma ta' sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26)

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur in parte billi jiddeciedi illi l-attur ghandu jircievi minghand il-konvenut is-somma ta' hamsa u

disghin lira Maltin (Lm95) u ghar-rigward tal-Kontro-Talba tal-konvenut, din ukoll qieghda tigi milqugha in parte u l-attur ghandu jhallas lill-konvenut is-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm121). In vista tal-fatt illi l-ammont li l-attur ghandu jircievi huwa anqas mill-ammont li ghandu jhallas, bl-operat ta' tpacija *ex lege*, r-rizultat huwa illi l-attur ghandu jhallas lill-konvenut is-somma ta' sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26).

Ghar-rigward ta' l-imghaxijiet, dawn jibdew jiddekorru minn din is-sentenza.

Ghar-rigward ta' l-ispejjez, fic-cirkostanzi tal-kaz dawn ghandhom ikunu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------